MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 1806/2003

**Middlesea Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha London Services Limited sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess London Services Limited**

**Vs**

**Vincent Schembri**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm979.58c (disa' mija u disgha u sebghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu) rappresentanti danni li ghamlu tajjeb ghalihom l-atturi rizultat tal-incident awtomobilistiku tat-23 t'Ottubru 2002 fi Triq il-Mithna, Hal Qormi bejn vettura misjuqa mill-konvenut u propjeta' tieghu, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ppresentata fit-28 ta’ Lulju 2003 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni

Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------